**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**
**ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE**

**ILLUM 30 TA' APRIL 2025**

**Rikors Ġuramentat Numru: 469/2023 AF**

**Vincenzo Cocozza, Simona de Giovanni,**
**Umberto Cocozza, Assiservice Properties Ltd**
**u Assiservice Ltd**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali,**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija, u l-Avukat tal-Istat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Vincenzo Cocozza, Simona De Giovanni, Umberto Cocozza, Assiservice Properties Ltd u Assiservice Ltd fejn wara li ġie premess:

1. Illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tal-elfejn wieħed u għoxrin (2021) l-Avukat Ġenerali kien ħareġ fil-konfront tar-rikorrenti Ordni ta' Investigazzjoni

u Sekwestru u dan abbazi ta' talba li kienet saret mill-awtoritajiet Taljani dovuta għall-investigazzjonijiet li kienu għaddejjin dwar allegat ħasil ta' flus jew reati simili li allegatament kienu saru fl-Italja qabel Ottubru tal-elfejn wieħed u għoxrin (2021).

2. Illi fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tal-elfejn tnejn u għoxrin (2022) il-Qorti tal- Kassazzjoni f' Ruma tat sentenza finali fejn iddikjarat b'mod ċar illi ma kien hemm ebda element ta' reat ta' ħasil ta' flus kommess mir-rikorrenti u għaldaqstant kienet irrevokat is-sentenza tat-Tribunal ta' Napli tal-14 ta' Ġunju 2021, hekk kif kien mitlub fir-rikors magħmul mir-rikorrenti odjerni quddiem l-istess Qorti ta' Kassazzjoni, u f'liema sentenza I-Kassazzjoni kienet estromettiet kompletament il-ġurisdizzjoni Maltija mill-iskop tal-investigazzjonijiet;

3. Illi minkejja din is-sentenza definittiva tal-Qorti tal-Kassazzjoni f'Ruma, fejn permezz tagħha r-rikorrenti ilhom minn Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) ħielsa minn kull akkuza penali kontra tagħhom fl-Italja u ħielsa wkoll minn kull investigazzjoni penali fil-konfront tagħhom, I-Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru maħruġ mill-Avukat Ġenerali ta' Malta fl-elfejn wieħed u għoxrin (2021) għadu erronjament fis-seħħ (s-sentenza tal- Qorti tal-Kassazzjoni f'Ruma tas-27 ta' Mejju 2022 iddikjarat ċar u tond li ma kien hemm ebda element ta' reat ta' ħasil ta' flus marbut mar-rikorrenti u laqgħet fl-intier tiegħu r-rikors magħmul mir-rikorrenti odjerni quddiemha u rrevokat is-sentenza tat-Tribunal ta' Napli tal-14 ta' Ġunju 2021).

4. Illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Kassazjoni ta' Mejju tal-elfejn tnejn u għoxrin (2022) I-bazi legali li fuqu u minħabba fih intalbet l-Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru mill-Avukat Ġenerali m'għadiex ġuridikament sostenibbli u hija fattwalment inezistenti u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni fil-

liġi jew ta' fatt għala r-rikorennti għandhom jibqgħu bl-assi kollha li għandhom f'Malta issekwestrati għax l-Avukat Ġenerali fil-prerogattiva insindikabbli tiegħu ħareġ tali ordni ta' Sekwestru kontra r-rikorrenti u li għadu fis-seħħ kwazi sentejn wara, minkejja li l-bazi legali li fuqu u minħabba fih intalab fl-2021 m'għadhiex ġuridikament sostenibbli u fattwalment inezistenti.

5. B'hekk ir-rikorrenti ilhom mis-27 ta' Mejju tas-sena 2022 ħielsa minn kull akkuza penali kontra tagħhom fl-Italja u ħielsa wkoll minn kull investigazzjoni penali fil-konfront tagħhom. Ir-rikorrenti ilhom minn dakinhar bil-kontijiet bankarji f'Malta kollha issekwestrati.

6. Ir-rikorrent Vincenzo Cocozza għandu f'idejh ħemel ċertifikati ta' diversi professuri mediċi, tobba u kliniċi mediċi Taljani li juru u jikkonfermaw li Vincenzo Cocozza għandu problemi serji ta' saħħa u għandu disabilita severa. Jeħtieġ il-flus għall-kura u għall- intervent kiruruġiku, izda ma jistax jagħmel uzu mill-flus tiegħu u ta' martu l-għaziza fil-kontijiet fil-banek f'Malta għax għadhom issekwestrati bla bzonn, grazzi għall-prerogattiva insindikabbli tal-Avukat Ġenerali ta' Malta.

7. Assolutament ma hemm xejn fl-Italja li huwa pendenti quddiem xi awtorità ġudizzjarja li jagħti raġun lill-Avukat Ġenerali ma jitlobx li l-Ordni mitlub minnu u maħruġ fl-2021 ikun revokat.

8. Għax l-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti d-diskrezzjoni assoluta u pregorattiva insindikabbli lill-Avukat Ġenerali ta' Malta meta jitlob il-ħruġ ta' tali Ordni u jekk jibqax fis-seħħ jew le, mingħajr ebda poter jew setgħa lil Qorti indipendenti li r-rikkorrenti jistgħu jadixxu biex jinħelsu mill-ingassa ta' tali Ordni.

9. Il-flus li hemm fil-kontijiet bankarji f'Malta huma kollha flus li r-rikorrenti m'għandhom ebda diffikulta li jindikaw u jispjegaw u jiċċertifikaw l-oriġini tagħhom, għax huma kollha leġittimi, kieku xi ħadd f'Malta indenja ruħu jistaqsihom dwarhom. Lesti u jistgħu jispjegaw kull ċentezmu li hemm, inkluz l-introjtu minn bejgħ ta' proprjeta immobbli f'Malta. Imma mill-2021 sal-lum ħadd mill-awtoritajiet Maltin ma ndenja ruħu jittanta jsaqsi lir-rikorrenti il-kif jew *come* dwar l-assi tagħhom f'Malta. Appuntu għax wara Mejju 2022 l-awtoritajiet Taljani ma kellhomx bzonn ikunu jafu dan, proprju għax bis-sentenza ta' Mejju 2022 mill-ogħla Qorti Taljana, ir-rikorrenti ġew meħlusin minn kull addebitu ta' ħasil ta' flus li kien inneċessita' l-Ordni ta' Sekwestru maħruġ fl-2021. Għall-kompletezza jingħad ukoll li sa Frar ta' din is-sena stess, l-avukati Taljani tar-rikorrenti ġew Malta u marru l-FCID biex jiltaqgħu mal-Ispettur inkarigat mill-kaz tar-rikorrenti u joffrulu kull informazzjoni li kellu bzonn, izda kien kollu għal xejn.

10. Kif ġie dikjarat mir-rikorrenti fil-protest ġudizzjarju tagħhom kontra l-intimati, **mhux imwieġeb mill-intimati**, ta' Settembru 2023:

> a. *"Fuq kull punt li hawn imsemmi f'dan l-umli rikors, ir-rikorrenti lesti jigu personalment f'Malta, jidhru jekk hemm bzonn quddiem din l-Onorabbli Qorti u jikkonfermaw kollox bil- gurament u jassoggettaw ruhhom ghal kwalsiasi domandi tal-intimata jew tal-Qorti. Ghax m'għandhom xejn x'jahbu. Ir-rikorrenti jiddikjaraw li konsegwenza naturali u logika tal-fatt li l-kontijiet bankarji personali taghhom u tas-socjetatjiet rikorrenti ilhom minn Ottubru 2021 issekwestrati hija li minn Ottubru 2021 dawn kienu fl-impossibilita li jhalsu t-taxxi dovuti lilhom f'Malta. Tajjeb jigi rilevat li r-rikorrenti ilhom sa mill-2014 residenti f'Malta, ghandhom in-negozju immobiljari f'Malta, u jhalsu t-taxxi kollha taghhom f'Malta, sija taghhom personali u sija dawk tas-socjetajiet rikorrenti.*

*b. Huwa illogiku, ingust u hazin hafna, anzi illegali, li minhabba Ordni ta' Sekwestru mahrug fl-2021 u li dwaru l-awtoritajiet Maltin m'ghamlu EBDA investigazzjoni jew verifika (izda raqdu fuqu), ir-rikorrenti gew kostretti u gew imqieghda fil-pozizzjoni illegali li "jevadu" l- hlas tat-taxxi f'Malta MHUX ghax iridu imma ghax ma ghandhom ebda dhul iehor f'Malta li mhux sekwestrat.*

*ċ. Il-gid kollu taghhom f'Malta ilu minn Ottubru 2021 maqbud u iffrizat u issekwestrat. Aghar minn hekk, ilu issekwestrat minn dakinhar fuq raguni li wara Mejju 2022 taghhom ghall-assoluzzjoni mill-Kassazzjoni tenibbli m'għadhiex grazzi ..F'pagna 17 il-Kassazzjoni qed tiddikjara li l-gurisdizzjoni Maltija m'ghandha Taljana... x'taqsam XEJN mar-reati addebitati lir-rikorrenti. Il-Kassazzjoni Taljana litteralment estromettiet 1 Malta mill-investigazzjoni u prosekuzzjoni tar-reat ta' hasil ta' flus fil- konfront tar-rikorrenti odjerni."*

11. M'hemmx bazi u ġustifikazzjoni biex tali Ordni kontra r-rikorrenti tibqa' fis-seħħ. *Quod nullum est, nullum producit effectum.* Ġaladarba hemm sentenza tal-Kassazzjoni li lliberat lir-rikorrenti minn kull addebitu ta' ħasil ta' flus, u li minħabba dak il-proċess ġudizzjarju kien intalab il-ħruġ tal-Ordni ta' Sekwestru kontra r-rikorrenti, allura jsegwi li m'hemmx ħtieġa iktar għall-Ordni ta' Sekwestru li kien inħareġ kontra r-rikorrenti minħabba suspett ta' ħasil ta' flus.

12. Tant kemm ir-rikorrenti m'għandhom xejn x'jaħbu, li fil-protest ġudizzjarju ta' Settembru 2023 (li qatt ma ġie imwieġeb mill-intimati) huma ddikjaraw li kienu lesti li, jekk il-Qorti Kriminali tordnalhom, huma jiġu quddiemha biex jiddeponu, kemm huma u anke l-avukati Taljani, inkluz l-avukatessa Giulia Buongiorno (llum Senatrici) li assistewhom u li jafu dawn il-fatti kollha. Dan urewh bil-provi meta r-rikorrenti minn jeddhom attendew is-seduta li iffissat il-Qorti Kriminal per Sur Imħallef Buġeja fit-3 t'Awwissu 2023[1]

[1] Anke jekk mhijiex prassi li rikorsi in konnessjoni ma' Ordni ta' 'sekwesu a tenur tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta jkunu appuntu għas-smigħ, bħala regola, l-Qorti Kriminali iddedikat kwazi saġġtejn gas-smig tar-rikors tar-rikorrentif'Awwissu 2023

biex tisma' l-argumenti tar-rikorrenti skont ir-rikors tagħhom datat Awwissu 2023.

13. Izda peress li l-Kap.373 ma jagħti ebda lok ta' setgħa ta' review minn xi Qorti dwar jekk ikunux għadhom jezistu raġunijiet legali għaz-zamma fis-seħħ ta' tali Ordni ta' Sekwestru, il-Qorti Kriminali fl-24 ta' Awwissu 2023 kellha bilfors tgħid hekk: "*tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors*".

14. Tajjeb jingħad li fis-seduta tat-3 t'Awwissu 2023 quddiem il-Qorti Kriminali, seduta li ħadet fit-tul ħafna, għad li r-rikorrenti ma kellhomx obbligu jattendu, ġew minn jeddhom mill-Italja u kienu prezenti fl-awla u offrew li jiddeponu u joqgħodu għal kull domanda li setgħet issirilhom mill-Qorti u/jew mill-Avukat Ġenerali (pero domandi ma sarulhomx). Mill-banda l-oħra, ma kien hemm ħadd prezenti min-naħa tal-Pulizija Maltija. Daqshekk l-intimat Kummissarju tal-Pulizija wera rispet lejn il-lanjanza tar-rikorrenti.

15. Huwa għalhekk li qed ikollha ssir din il-kawza kostituzzjonali sabiex ir-rikorrenti jitolbu rimedju minn din l-Onorabbli Qorti sija minħabba li l-Kap.373 ma jagħtihom ebda rimedju effettiv u prattiku biex jitolbu 'l xi Qorti indipendenti sabiex l-Ordni kontrihom jitneħħa u sija peress li ġew ikkaġunati danni kbar, materjali u morali, lilhom minħabba l-aġir abbusiv u illegali da parti tal-intimati, danni li jeċċedu l-miljun euro kif ser jiġi ippruvat matul il-kawza.

16. Dan iktar u iktar meta wieħed jara l-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal- Bniedem fil-kaz **Affaire Uzan et autres c. Turquie (24.06.2019) u Shorazova vs Malta (3.06.2022**).

17. Dawn iz-zewġ kawzi kienu jitrattaw fattispjeċji simili ħafna għal kaz tar-rikorrenti fejn ir-rikorrenti rispettivi kienu ilmentaw miz-zamma awtomatika fis-seħħ ta' Ordni ta' Sekwestru kontrihom mill-Awtoritajiet fit-Turkija u f'Malta.

18. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjarat ksur tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fiz-zewg kazijiet imsemmijin għax, *inter alia*:-

a. ma kienx hemm "*juste equilibre*" bejn id-drittijiet tar-rikorrenti u dawk tal-Istat, (para 195 **Affaire Uzan et c Turkie**)

b. ma kienx hemm "*charges excessives*" inevitabbli fuq ir-rikorrenti (izda evitabbli) (para 212 **Affaire Uzan et c Turkie**)

c. il-ħruġ jew iz-zamma tal-Ordni kien "*automatique, généralisé et inflexible des restrictions en cause, qui ne font pas l'objet d'un controle regulier individuel",* (para 212 **Affaire Uzan et c Turkie**)
d. ma kienx hemm il-possibilita ta' "*evaluation individualisee' de la gravite' de la charge imposée a' la requérante*", (para 212 **Affaire Uzan et c Turkie**)

e. "***<u>Une procedure judiciaire afférente au droit au respect des biens doit aussi offrir a' la personne concernée une occasion adequate d'exposer sa cause aux autorités compétentes afin de contester effectivement les mesures portant atteinte aux droits garantis par cette disposition</u>*** **<u>"; (</u>**para 214 **Affaire Uzan et c Turkie**);

f. "***<u>Une ingèrence dans les droits prévus par l'article 1 du Protocole no 1 ne peut ainsi avoir de légitimité en l'absence d'un débat contradictoire et respectueux du principe de l'égalité des armes, qui permette de discuter des aspects présentant de l'importance pour l'issue de la cause</u>***." (para 214 **Affaire Uzan et c Turkie**);

g. "*The Court has on many occasions noted that, although Article 1 of Protocol 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions* ***<u>must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of</u>***

***effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision***"; (para. 105 **Shorazova v Malta**)

h. "***An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No.1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversial proceedings that comply with the principle of equality of arms****, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case*"; (para.105 **Shorazova v Malta**)

i. "***While a freezing order may in principle be in the general interest.... it is in such contexts that effective procedural safeguards become indispensable***"; *(para 110* ***Shorazova v Malta****);*

j. *"The Court observes that the law did not specify that before a decision to renew, an oral hearing would take place, nor that the applicant would be allowed to make submissions at least in writing*" (para. 121 **Shorazova v Malta**);

k. "The Court considers that in the procedure before the Criminal Court by which the freezing order was issued and repeatedly extended in the applicant's case, she was deprived of relevant procedural safeguards against an arbitrary or disproportionate interference" (para. 123 **Shorazova v Malta**)

19. Huwa ċar għalhekk li applikati dawn il-prinċipji għal kaz tar-rikorrenti, fejn il-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament l-artiklu 4(11) tiegħu, kiser u qed jikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif imħarsa bl-artiklu 6 u bl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-artikli 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, minħabba li l-Ordni ta' Sekwestru kontrihom għadu fis-seħħ sentejn wara l-ħruġ tiegħu u fejn huma ma għandhom ebda jedd jew possibilita' li jadixxu lill-Qorti indipendenti biex tagħtihom rimedju effettiv u prattiku u tempestiv, kif ukoll għax huwa biss l-Avukat Ġenerali li għandu waħdu d-dritt assolut li jitlob il-ħruġ u l-estensjoni fis-seħħ ta' Ordni ta' Sekwestru. Dan minbarra d-danni inġenti (materjali u morali) li ġew

ikkaġunati lir-rikorrenti kif huma ser juru fil-mori tal-kawza, b'danni materjali li waħedhom jeċċedu l-miljun euro.

20. B'zieda ma' dan kollu, jingħad li l-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta (u senjatament l-artiklu 4(11) tiegħu) iċaħħad lir-rikorrenti minn kull aċċess għal Qorti independent u imparziali biex iħarsu d-drittijiet tagħhom kif elenkat f'dan ir-rikors, u allura bi ksur tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

21. L-istess kif il-Kap.373 (u senjatament l-artiklu 4(11) tiegħu) tal-Liġijiet ta' Malta jeskludi kull rimedju għar-rikorrenti għal kull ksur tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll, u dan minnu nnifsu huwa ksur tal-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; 22. Punt importanti ieħor huwa li l-Kap.373 (senjatament l-art.4(11) tiegħu) jikser id- disposizzjoni tal-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għax ma jipprovdi għall-ebda rimedju, aħseb u ara xi rimedju effettiv, biex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom b'mod prattiku u effettiv.

Intalbet din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta (speċjalment l-art.4(11) tiegħu), jikser id- drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif imħarsa bl-artiklu 6 u bl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-artikli 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tal-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tordna lill-intimati li immedjatament jirtiraw l-Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru kontrihom u/jew immedjatament tordna r-revoka u tħassir immedjat tiegħu da parti tal-intimati, u dan b'mod immedjat;

3. Tillikwida d-danni kollha materjali u morali hekk kaġunati lir-rikorrenti;

4. Tordna lill-intimati iħalsu lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati, bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-ħruġ tal-Ordni ta' Sekwestru fil-25 t'Ottubru 2021;

5. Tagħti kull provvediment ieħor xiereq biex tizgura t-twettiq tad-drittijiet tal-esponenti miksura mill-intimat;

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta konġunta tal-Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija li eċċepew:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru riferita fir-rikors promotur allegatament tilledi il-jeddijiet għal-smigh xieraq u tgawdija ta' proprjeta tar-rikorrenti liema drittijiet jinstabu protetti permezz tal-artikoli 38 u 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-ragunijiet segwenti:

1. Illi preliminarjament in kwantu huwa ċar mir-rikors in risposta li l-azzjoni tar-rikorrenti hija ntiza sabiex dina il-Qorti tirrevoka l-Ordni ta' Sekwestru maħruġ mill-Qorti Kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, l-esponenti jeċepixxu formalment n-nuqqas ta' eżawriment ta`rimedju ordinarju stante li tali talba għar-revoka għandha issir quddiem il-Qorti Kriminali. F'dan il- kaz li ġara hu li fil-

25 ta' Ottubru 2021 il-Qorti Kriminali, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, ħarġet kontra ir-rikorrenti Ordni ta` Investigazzjoni u Sekwestru *ai termini* tal-artikolu 4 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk ir- rikorrenti huma tal-fehma li l-Ordni ta` Sekwestru għandha tiġi revokata, jistgħu dejjem jindirizzaw tali talba lil Qorti Kriminali. Fi kwalunkwe kaz, jekk ir-rikorrenti talbu ir-revoka tal-Ordni ta' Sekwestru u il-Qorti Kriminali ċahdet it-talba tagħhom, huma ma jistgħux jiftħu din il-kawza kostituzzjonali bit-tama li tkun din l-Onorabbli Qorti li tirrevoka Ordni ta' Sekwestru maħruġ leġittimament mil-Qorti Kriminali. Din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tagħmilha ukoll ta' Qorti ta' Appell, jew Qorti tat-Tielet jew tar-Raba' Stanza. Kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana, din l-Onorabbli Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' reviżjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni tagħha li tiddeċiedi jekk Qrati oħra ddeċidewx jew iddekretawx sew jew le, iżda biss jekk tali proċeduri u deċiżjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali tal-individwu;

2. Illi fil-mertu u bla ħsara għall-premess, jigi eċċepit li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċhuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux mistħoqqa;

3. Illi l-ordni ta' investigazzjoni u l-ordni ta' sekwestru maħruġa skont l-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew ordnati mill-Qorti wara li l-Qorti Kriminali, fl-għerf u fl-esperjenza tagħha rat li kien hemm lok li dawn l-ordnijiet jinħarġu skont il-liġi għaliex huwa wkoll fl-interess ġenerali li dan iseħħ. Ċertament li twaqqaf u tinvestiga reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ huwa fl-interess pubbliku;

4. Illi preżentement, ordni ta' sekwestru tinħareġ mill-Qorti Kriminali meta l- Avukat Ġenerali ikollu raġuni bizzejjed biex jissuspetta li l-persuna suspettata

hija ħatja ta' reat kif kontemplat fl-artikolu 3 tal-Kap 373 u tinħareġ għal żmien sa massimu ta' sitt (6) xhur, li jistgħu jiġu mġedda għal sitt (6) xhur oħra, iżda jrid ikun hemm **raġunijiet ġodda validi** sabiex dan ikun jista' jseħħ - Artikolu 4(11) tal-Kap 373. Din hija miżura temporanja li tittieħed meta jkun hemm raġunijiet ta' suspett u ma jkunx għad hemm akkużi maħruġa u huwa speċifikament għalhekk li tali ordni ma ttulx u tibqa' fis-seħħ sa sitt (6) xhur jew inqas, jekk l-investigazzjoni tiġi konkluża qabel dan iż-żmien. Skont il-proviso tal-artikolu 4A(11) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imsemmi perjodu ta' sitt (6) xhur għandu jitwaqqaf għal dak iż-żmien li l-persuna suspettata tkun tinsab barra minn dawn il-Gżejjer u l-Avukat Ġenerali javza b'dan il-fatt lis-sekwestratarju b'avviż bil- miktub notifikat bil-mod provdut fis-subartikolu (9) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Minn eżami bir-reqqa tal-artikolu 4A(7) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, naraw li qabel ma l-Qorti Kriminali toħroġ tali ordni ta' investigazzjoni u sekwestru, tkun diga' indagat u xtarret sew il-każ ta' quddiemha. Dan jimplika li tali ordnijiet ma jinħargux bl-addoċċ jew b'mod arbitrarju jew kappriċċuż. In oltre' huwa reat li persuna li tkun taf dwar ħruġ ta' Ordni ta' Investigazzjoni jew Ordni ta' Sekwestru li jikxef xi ħaġa li tista' tippreġudika l-effikaċja tal-imsemmi ordni jew investigazzjoni konnessa miegħu;

6. Illi bla ħsara għall-premess, safejn l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali, l-esponent jirrileva li skond il-proviso tal-istess artikolu, l- Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa, f'dan il- każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. L-esponenti jissottometti wkoll li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi li jista'

jkun hemm kontroll ta' użu f'dan id-dritt fl-interess pubbliku. Ċertament li l-ġlieda kontra l-kriminalita' hija mizura fl-interess pubbliku. Jingħad ukoll li s-soċjeta' rikorrenti ma qed titlef xejn mill-assi tagħha stante li l-imgħaxijiet qed jakkumulaw mal-kapital. Għaldaqstant, l-esponenti tissottolinea li din il-miżura provvizorja hija għal kollox leġittima, ġustifikata u proporzjonata u bl-ebda mod is-soċjeta' rikorrenti ma qiegħda ssofri piż eċċessiv u sproporzjonat;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif ser jiġi spjegat aħjar waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta` din il-kawza, l-ordni ta` sekwestru u investigazzjoni in dizamina għadha in vigore anke għaliex ir-rikorrenti għadhom ma ġewx formalment notifikati biha kif trid il-liġi. Għalkemm jidher ċar li ir-rikorrenti huma konxji u jafu għalxiex l-ordni inħarġet, wieħed m'għandux jinjora kif ġieb u laħaq li l-Artikolu 4(6A) tal-Kapitolu 373 jipprovdi illi "*kull min, għax ikun jaf jew ikollu suspett li l-Ordni ta' sekwestru jkun hekk intgħamel jew intalab, **jiżvela xi ħaġa li x'aktarx tippreġudika l-effetti ta' dak l-Ordni jew ta' investigazzjoni li jkollha x'taqsam magħha**, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*";

8. Illi minn risposta li rċieva l-esponent Avukat Ġenerali mill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani in segwitu għall-ittri rogatorji mibgħuta tramite *European Investigation Order* nhar it-22 ta' Frar 2023, irriżulta illi l-Corte di Cassazione fl-Italja permezz ta' sentenza deċiża fis-27 ta' Mejju 2022 annullat dik is-sentenza impunjata "con rinvio per nuovo giudizio, limitatamente al concorso dei ricorrenti nei delitti fine (art. 43, 110, 642, 372 cod. pen)" lill- istess Corte di Appello di Napoli. Dan il-fatt irriżulta ukoll minn informazzjoni provduta mill-Procura ta' Napoli. Illi allura huwa pależi li l- punti tangibbli rigwardanti allegati

reati sottostanti ma gewx 'kassati' mill-*Corte di Cassazione* u għadhom iridu jgħaddu in ġudikat;

9. Illi l-esponenti ma jistgħux ma jirrimarkawx bid-dovut rispett li ir-rikorrenti qed jippruvaw jiżgwidaw lil din l-Onorabbli Qorti in kwantu hu risaput illi l-Qrati Taljani għadhom iridu jippronunzjaw ruħhom dwar ir-reati kontemplati *inter alia* fl-Artikolu 642 tal-Codice Penale Taljan li jirrigwardaw l-frodi assikurativa, li hi biss waħda minn diversi raġunijiet oħra li fuqha hu msejjes il-preżenti Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru. Huwa għalhekk neċessarju illi jiġi stabbilit jekk ir-rikavat provenjenti mill-Italja huwiex effettivament wieħed li jitqies kriminali. Jiġi rilevat illi t-truffa, bħal kull reat rilevanti ieħor stabbilit fit-Tieni Skeda tal-Kap. 373, jista' effettivament ikun wieħed minn diversi reati sottostanti għar-reat kontemplat fl-Artikolu 2 tal-istess Att, fosthom fil-każ in diżamina fejn - provat illi l-proprjeta' tkun inkisbet jew oriġinat minn attivita' kriminali li di volta tkun konvertita, trasferita, moħbija, (jew parteċipazzjoni) akkwistata u ritenuta -jista' pjenament jissussisti u jimmaterjalizza ruħu *ex legis* ir-reat ta' *money-laundering;*

10. Illi bla ħsara għall-premess, l-esponenti jissolleva l-improponibilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex l-Artikolu 37 jitkellem biss dwar teħid forzuż, jiġifieri teħid b'mod obbligatorju bħal meta għandek esproprijazzjoni, li żgur ma tiffigurax f'dan il-każ għaliex l-esponent ma ħax l-assi u l-flejjes tar-rikorrenti. Isegwi għalhekk li l-Artikolu 37 joffri ħarsien unikament meta hemm teħid tal-proprjetà minħabba xi effett ta' xi att tal-Istat. Skont din id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, l-istess protezzjoni mhix mogħtija meta jkun hemm interferenza fid-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà;

11. Illi stranament ir-rikorrenti qed jinvokaw l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta minħabba li allegatament ġie vjolat id-dritt tagħhom għal-smigħ xieraq. L-artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun fi zmien raġjonevoli, fil-pubbliku u quddiem tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b'liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu anzi ser jirrizulta mill-provi li l-Qorti Kriminali osservat il-liġi skrupolozament. L-esponenti jissottomettu illi r-rikorrenti qed jittentaw jaslu tramite l-proċedura odjerna fejn ma rnexxilhomx jaslu quddiem il-qrati muniti b'ġurisdizzjoni kriminali. Għalhekk kull tentattiv sabiex dawn il-proċeduri jintużaw b'dan il-mod jikkostitwixxi uzu abbuziv ta' dina l-proċedura straordinarja.

12. F'din il-qagħda l-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-ġeneralita’ tal-kazijiet, jidħol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm *equality of arms* bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (*audi alterem partem*) u/jew li tressaq il-kaz tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.

13. Dan attiz, għandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawza ma jaqa' taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda hin u fl-ebda mument ir- rikorrenti ma ġie trattat b'mod differenti u lanqas ma jirrizulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalita' tagħhom jista jikkonkludi li ma kienx hemm smigħ xieraq.

14. Ili l-esponenti jirrilevaw li ovvjament persuna li tkun qed tiġi investigata dwar reati serjissimi fosthom bil-ħruġ ta' *attachment order* u apparti hekk jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tagħha ser ikollha taffaċċja ċertu restrizzjonijiet izda dan kollu huwa għal kollox leġittimu u ġustifikat peress li tali mizura hija proporzionata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jzomm is-sigurta' pubblika u jassigura li ikun hemm prosekuzzjoni ta' reati fejn hekk ikun meħtieġ u il-preservazzjoni ta' kull prova relevanti.

15. Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

16. Illi bla ħsara għall-premess, in kwantu t-talba sabiex jiġu likwidati u ikkundannati l-ħlas ta' danni sofferti, l-esponent jeċepixxi li dawn it-talbiet huma infondata u għandhom jiġu miċħuda. Kif spjegat, l-Ordni ta' Sekwestru tinħareġ abbażi ta' raġuni legittima permessa bil-liġi. Għalhekk l-esponenti ma humiex responsabbli għal kwalunkwe danni li allegatament ġew sofferti;

17. Illi bla ħsara għall-premess, jinkombi fuq ir-rikorrenti li iressqu prova tad-danni u ta' dak li qegħdin jallegaw li soffrew;

18. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad bil-qawwa l-pretensjonijiet u t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż id-dokumenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet li ressqu l-partijiet rispettivament.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Din hija sentenza dwar ordni ta' investigazzjoni u ordni ta' sekwestru maħruġa mill-Qorti Kriminali b'digriet tal-25 t'Ottubru 2021 ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 373.

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li t-tħaddim ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 373 senjatament il-fatt li dik id-disposizzjoni tagħti diskrezzjoni lill-Avukat Ġenerali biex jitlob il-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni u ordni ta' sekwestru mingħajr ma tagħti lir-rikorrenti l-possibilita' li jattakkaw dik l-ordni, huwa leżiv tad-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq u għat-tgawdija tal-proprjeta' tiegħu. Talab għalhekk lill-Qorti ssib ksur tad-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 6, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ai termini tal-Artikoli 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Konsegwentement talbu l-likwidazzjoni tad-danni sia dawk pekunjarji kif ukoll dawk non-pekunjarji sabiex jagħmel tajjeb għall-ħsarat minnhom imġarrba bit-tħollija fis-seħħ tal-ordni in kwistjoni mill-25 t'Ottrubru 2021 sa llum.

Mill-inkartament proċesswali jirriżulta illi s-soċjetajiet rikorrenti Assiservice Properties Ltd u Assiservice Ltd huma żewġ soċjetajiet reġistrati ġewwa Malta. Ir-rikorrenti l-oħra ossia Vincenzo Cocozza u martu Simona de Giovanni, flimkien mar-rikorrenti binhom Umberto Cocozza huma ċittadini Taljani. Jirriżulta li r-rikorrenti Cocozza u de Giovanni fetħu kontijiet bankarji ġewwa Malta u anki għamlu xi negozju.

Jirriżulta illi l-investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti skattat in segwitu għal artikolu li deher f'ġurnal. Fil-fatt ir-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti ta' Napli, l-Italja, akkużati fost l-oħrajn b'reati dwar ħasil ta' flus u frodi. B'sentenza tas-27 ta' Mejju 2022 il-Qorti ta' Kassazzjoni ddikjarat li ma rriżultax ir-reat ta' ħasil ta' flus u għalhekk irrevokat is-sentenza tat-Tribunal ta' Napli tal-14 ta' Ġunju 2021 u bgħatet lura l-atti sabiex isir stħarriġ mill-Qorti dwar reati ta' frodi.

Minkejja s-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni li eskludiet li r-rikorrenti huma ħatja ta' reat ta' ħasil ta' flus, l-awtoritajiet Maltin senjatament l-Avukat Ġenerali żamm fis-seħħ l-ordni in kwistjoni.

Fix-xhieda li ta l-Ispettur Daniel Formosa quddiem din il-Qorti jingħad illi l-pulizija rċeviet informazzjoni li r-rikorrenti setgħu potenzjalment kienu qegħdin jużaw il-kontijiet bankarji tagħhom ġewwa Malta sabiex isir ħasil ta' flus. Huwa spjega li meta l-Qorti awtorizzat il-ħruġ ta' l-ordni ta' sekwestru saru diversi tentattivi ta' notifika tal-atti relattivi, biss kull tentattiv irriżulta fin-negattiv. Huwa spjega illi l-Pulizija ppruvat tinnotifika lir-rikorrenti fl-indirizz tar-residenza tagħhom ġewwa Malta skont ma dan jirriżulta mill-Karta tal-Identita' tagħhom kif ukoll fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjetajiet rikorrenti. Issokta jgħid illi kull tentattiv li sar kien inutli għaliex fl-indirizzi fejn marru jew ma sabu lil ħadd jew sabu persuni li ma kellhom ebda ness mar-rikorrenti. Għalhekk in-notifika baqgħet ma saritx.

Sadanittant, fis-sena 2021 ir-rikorrenti Cocozza li kienu qegħdin jgħixu ġewwa l-Italja, ġew Malta. Meta Vincenzo Cocozza mar il-Bank BNF sabiex jiġbed flusu huwa ġie nformat li l-kont kien ingħalaq u li ma setax jiġbed flusu. Ġara l-istess in kwantu l-kont bankarju li kellu mal-BOV. F'dan il-punt inkariga Avukat Taljan u ieħor Malti sabiex jirrappreżentawh f'din il-kwistjoni.

L-Ispettur Formosa xehed illi saru tentattivi ta' komunikazzjoni mar-rikorrenti anki permezz tat-telephone biss fil-maġġior parti tad-drabi baqgħu ma kkomunikawx mar-rikorrenti Vincenzo Cocozza. Spjega li fil-fatt darba waħda biss irnexxilhom ikellmuh biss dan qal li ma jitkellimx wisq bl-Ingliz u meta għadda l-linja lil ibnu il-linja inqatgħet. Żied jgħid ukoll illi kien hemm kuntatt mal-Pulizija anki minn avukat Malti in rappreżentanza tar-rikorrenti biss meta talbuha tgħid lir-rikorrenti sabiex jiġi Malta u jitkellem mal-Pulizija baqa' ma sar xejn. Il-Pulizija ġiet ukoll ikkuntattjata minn avukat Taljan in rappreżentanza tar-rikorrenti u miegħu ftehmu li r-rikorrenti kellhom jiġu Malta biss lanqas din id-darba ma sar xejn.

L-Ispettur Formosa xehed li la darba n-notifika ma saritx it-terminu ta' 6 xhur għaż-żamma fis-seħħ tal-ordni baqa' sospiż.

L-Ispettur Robert Azzopardi xehed illi notifika uffiċjali tal-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru saret fl-4 ta' Marzu 2024 wara seduta fil-mori ta' din il-kawża. Kompla jixhed li kien hemm informazzjoni relattiva għall-investigazzjoni ġewwa l-Italja u għas-sentenzi tal-Qrati Taljani li ma waslux fil-pront tramite l-European Investigation Order. In oltre, xehed illi l-Qorti ta' Kassazzjoni estromettiet lil Malta mill-investigazzjoni peress illi l-każ fil-konfront tar-rikorrenti kellu jkompli biss dwar reati ta' frodi li ma kinux saru ġewwa Malta iżda fl-Italja. Żied jgħid illi

minkejja dan l-investigazzjoni kompliet għaddejja ġewwa Malta għal li jista' jkun jirriżulta li l-flus depożitati Malta kienu ġenerati minn reati mwettqa fl-Italja.

Tressqu diversi provi in atti dwar id-diffikulta' li kien hemm biex saret in-notifika formali tal-atti, iż-żmien li ttieħed sabiex inkisbet informazzjoni uffiċjali mill-Italja u provi dwar il-provenjenza tal-fondi li ġew sekwestrati. Madanakollu, xejn minn dan ma huwa rilevanti għall-vertenza ta' llum. Jingħad dan għaliex il-kwistjoni li din il-Qorti kif adita trid tiddeċiedi dwarha hija strettament marbuta ma jekk l-Artikolu 4 tal-Kap 373 huwiex leżiv tad-drittijiet tar-rikorrenti. Kif sewwa jgħidu l-intimati sia fir-risposta kif ukoll fin-nota ta' sottomissjoni tagħhom, din il-Qorti kif adita għandha ġurisdizzjoni limitata li żgur ma tinkludix fiha li tissindika l-operat tal-Qorti Kriminali fil-ħruġ ta' dik l-ordni. Lanqas ma jispetta lil din il-Qorti li tirrevoka l-ordni in kwistjoni għaliex mhijiex edotta mill-fatti kollha relattivi għall-proċess kriminali. Jekk hemm lok ta' revoka dan għandu jkun imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti Kriminali li tiddeċiedi fir-rigward wara li tkun qieset il-provi relattivi. Għalhekk, l-istħarriġ li sejra tagħmel din il-Qorti huwa limitat għal jekk hemmx vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Kull kwistjoni oħra titqies bħala rrilevanti għall-vertenza odjerna u l-Qorti sejra tastjeni milli tistħarrġihom.

**Rimedji Ordinarji**

L-intimati eċċepew l-ewwelnett in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedji ordinarji.

Ai termini tal-Artikolu 4(7) tal-Kap 373 meta l-Qorti Kriminali tiġi mitluba toħroġ ordni ta' sekwestru hija tagħmel biss eżami prima facie tal-fatti lilha ppreżentati. Jekk imbagħad fil-kors tal-investigazzjoni jirriżultaw fatti li jiġġustifikaw tibdil f'dik l-ordni huwa l-Avukat Ġenerali li jgawdi diskrezzjoni assoluta sabiex jitlob

tali varjazzjoni ai termii tal-Artikolu 4(11) tal-Kap 373. Fil-fatt, huwa biss fil-mument meta jinħarġu l-akkużi li jista' jsib applikazzjoni l-Artikolu 5 tal-Kap 373 li jitkellem dwar ordni ta' ffriżar. Dan allura jfisser li tul il-proċess tal-investigazzjoni r-rikorrenti qua persuni ta' nteress isibu ruħhom b'idejhom marbuta u effettivament ma jistgħu jagħmlu xejn sabiex jattakkaw dik l-ordni. Tant huwa hekk illi għad li r-rikorrenti ntavolaw diversi rikorsi quddiem il-Qorti Kriminali, din ma kelliex triq oħra għajr illi tastjeni għaliex idejha marbuta stante li l-Artikolu 4 tal-Kap 373 jagħmel l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru waħda insindikabbli. Dwar dan il-punt il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Keith Schembri et vs L-Avukat tal-Istat et** deċiża fit-23 t'April 2021 minn din il-Qorti diversament preseduta (konfermata fl-appell b'sentenza tas-27 t'Ottubru 2021). Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-Artikolu 4 tal-Kap 373 l-ewwel qorti qalet hekk:

> *"19. Fl-ewwel talba tagħhom ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jipprovdiex għal rimedju ordinarju, fejn qorti ta' setgħa ordinarja għandha l-poter li tissindika jew tvarja ordni maħruġa taħt l-imsemmi artikolu. Il-Qorti tgħid li dan huwa minnu u tirrileva li ddispożizzjonijiet tal-artikolu 4 huma ċari u inekwivoċi meta jipprovdu għassetgħa tal-Qorti Kriminali fir-rigward tal-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru u firrigward tal-estensjoni tagħha. Iżda s-setgħa ta' dik il-Qorti tieqaf hemm u dan stante li l-persuna suspettata ma tingħata l-ebda jedd li tirrikorri lejn dik il-Qorti b'talba sabiex l-ordni tiġi mħassra jew mibdula. Il-Qorti Kriminali esprimiet ruħha fuq din il-kwistjoni u fid-digriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2020 iddikjarat bla tlaqliq ta' xejn dawk li huma l-poteri tagħha taħt l-artikolu 4 talKap. 373 li:*
>
> *"...huma limitati u cirkoskritti għal dak imfassal f'din id-disposizzjoni tal-liġi, bil-Qorti għandha is-setgħa ta' deċiżjoni biss meta tiġi mitluba mill-Avukat Ġenerali sabiex tatworizza l-ħruġ ta' tali Ordni u ukoll meta issir talba minnu għall-estensjoni oltre lperijodu indikat fil-liġi għall-validità tiegħu."*

*20. Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Qorti Kriminali u tgħid għalhekk li r-rikorrenti għandhom raġun fejn huma qegħdin isostnu li huwa biss l-Avukat Ġenerali li għandu d-dritt li jirrevoka l-ordni ta' sekwestru u li l-persuna li tkun qiegħda tiġi investigata taħt ordni tal-Qorti fuq suspett tat-twettiq ta' reat, m'għandha l-ebda dritt li tirrikorri lejn l-imsemmija Qorti sabiex titlob li din tissindika jew saħansitra tirrevoka l-ordni. Mhux biss dan u aktar minn hekk, kif il-Qorti Kriminali kompliet tgħid:*

*"Illi allura meta l-Avukat Ġenerali ressaq talba quddiem din il-Qorti sabiex jiġu ridotti l-effetti tal-Ordni ta' Sekwestru, din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tiċħad tali talba billi dan il-poter huwa fdat biss f'idejn l-Avukat Ġenerali u ħadd iktar."*

Għalhekk, għall-mistoqsija li tqum fid-dawl tal-eċċezzjoni sollevata mill-intimati in kwantu rimedji ordinarji disponibbli għar-rikorrenti, ir-risposta hija le, fiż-żmien meta ingħata bidu għall-proċeduri odjerni, r-rikorrenti ma kellhomx rimedju ordinarju disponibbli għalihom sabiex jattakkaw l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru.

Stabbilit għalhekk illi r-rikorrenti huma għal kollox sprovvisti minn rimedju ordinarju sabiex jindirizzaw l-ilment tagħhom, il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ser tgħaddi sabiex tistħarreġ il-mertu tal-vertenza u cioe jekk l-ordni ta' sekwestru hijiex qegħda sservi sabiex ir-rikorrenti jġarrbu vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom għal smigħ xieraq u għat-tgawdija tal-proprjeta'.

**Smigħ Xieraq**

**L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-drittijiet fundamentali ta' persuni akkużati b'reat kriminali. Kif diġa ingħad, fil-każ in diżamina r-rikorrenti

mhumiex akkużati b'reati iżda huma biss persuni ta' nteress soġġetti għal investigazzjoni. Dan għalhekk ifisser illi l-Artikolu 39 mhuwiex applikabbli għall-każ ta' llum.

Dan jgħodd ukoll għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li ukoll japplika fil-konfront ta' persuni akkużati b'reati kriminali.

Fid-dawl ta' dan, kull allegazzjoni dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taħt l-imsemmija dispożizzjonijiet huwa intempestiv.

**Tgawdija tal-Proprjeta'**

**L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni**

L-ordni in kwistjoni ilha fis-seħħ mill-25 t'Ottubru 2021. Proċeduri pendenti fil-konfront tar-rikorrenti m'hemmx. Li jirriżulta huwa biss li għad hemm proċeduri pendenti dwar frodi fl-Italja. Fil-fehma tal-intimati il-fatt li għad hemm tali proċeduri pendenti jiġġustifika ż-żamma fis-seħħ tal-ordni de quo f'każ li jirriżulta li r-rikorrenti ddepositaw ġewwa kontijiet bankarji f'Malta flejjes li kisbu minn l-allegat frodi.

Ir-rikorrenti għamlu referenza għall-każ ta' **Filkin vs Portugal** deċiża fit-3 ta' Marzu, 2020 (Applikazzjoni numru 69729/12) fejn il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet illi filwaqt li restrizzjoni temporanja fuq l-użu ta' proprjetà ta' ċittadin hija fil-kompetenza tal-Istati Membri, iridu jissussistu ċertu kundizzjonijiet bħal dik tal-interess ġenerali. Il-Qorti sabet li f'dan il-każ kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni peress illi:

*78. To be compatible with Article 1 of Protocol No. 1, an interference with the right to property must be carried out "in the public interest" and "in accordance with the conditions laid down by law and the general principles of international law". The interference must strike a "fair balance" between the requirements of the general interest of the community and the imperatives of safeguarding the fundamental rights of the individual (Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, § 69, Series A no. 52, and Granitul SA v. Romania , no. 22022/03 , § 46, 22 March 2011). When reviewing compliance with this requirement, the Court recognises that the State has a wide margin of appreciation both in choosing the methods of implementation and in judging whether their consequences are justified, in the general interest, by the concern to achieve the objective of the law in question ( AGOSI v. the United Kingdom , 24 October 1986, § 52, Series A no . 108 ).*

*79. Notwithstanding the silence of Article 1 of Protocol No. 1 on procedural requirements, judicial proceedings relating to the right to peaceful enjoyment of possessions must also provide the person concerned with an adequate opportunity to present his or her case to the competent authorities in order to be able to effectively challenge the measures infringing the rights guaranteed by that provision. An interference with the rights provided for in Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore be legitimate in the absence of an adversarial hearing, respecting the principle of equality of arms, which allows for discussion of aspects of importance for the outcome of the case. To ensure compliance with this condition, the applicable procedures must be considered from a general perspective (see, mutatis mutandis, GIEMSRL and Others v. Italy (merits) [GC], nos . 1828/06 and 2 others, § 302, 28 June 2018).*

Il-Qrati tagħna rritnew illi t-trapass taż-żmien li matulu damu għaddejjin il-proċeduri huwa wieħed mill-fatturi li jrid jittieħed in konsiderazzjoni meta tqis il-proporzjonalita' tal-ordni ta' ffriżar li min-natura tagħha hija maħsuba bħala miżura temporanja. Fil-kawża fl-ismijiet **Sebastian Dalli vs L-Avukat tal-Istat et** deċiża fit-30 ta' Novembru 2022 il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi t-trapass ta' tlettax-il sena minn mindu nħarġet l-ordni ta' ffriżar u l-fatt li l-proċeduri kienu

għadhom fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni ma jistax aktar jitqies li l-miżura hija waħda temporanja. Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tas-sena fl-ismijiet **Yassin Abdullah Kadi v. European Commission** fejn ingħad hekk:

> *"…given that now nearly 10 years have passed since the applicant's funds were originally frozen—it is not now time to call into question the finding ... according to which the freezing of funds is a temporary precautionary measure that, unlike confiscation, does not affect the very substance of the right of the persons concerned to property in their financial assets but only the use thereof. ... In the scale of a human life, 10 years in fact represent a substantial period of time and the question of the classification of the measures in question as preventative or punitive, protective or confiscatory, civil or criminal seems now to be an open one."*

Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tgħid hekk:

> *30. Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u ġie mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat filfrattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza flismijiet Shorazova v. Malta (QEDB, 03/03/2022) fejn intqal hekk:*
>
> *"…the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided*

*for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case.*

*[omissis]*

*According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82)."*

*31. Għalkemm l-appellanti jgħidu li din is-sentenza appena ċitata mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' dan il-każ peress li kienet titratta ċirkostanzi partikolari, il-prinċipji ġenerali li jistgħu jinstiltu minn din is-sentenza, u li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti, huma applikabbli independentement mill-fatti partikolari tal-każ. Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkużat sanċiti permezz talArtikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra lappellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li*

*tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

Fil-każ ta' llum mhuwiex kontestat l-għan leġittimu tal-ordni maħruġa ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 373 bil-ħsieb li jitrażżan il-ħasil tal-flus. Dak li qiegħed jiġi kkontestat huwa jekk inżammitx proporzjonalita' bejn l-għan tal-ordni u d-drittijiet tal-persuni milquta biha li m'għandhomx rimedju fil-liġi sabiex jimpunjaw dik l-ordni. Dwar dan, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Keith Schembri et vs L-Avukat tal-Istat et** (*supra cit.*) il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet li għandhom pjena rilevanza għall-każ ta' llum:

> *"Fil-qafas ta' dak li jipprovdi għalih l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li jirrikjedi bilanċ bejn l-interess ġenerali li l-Istat għandu d-dover li jħares u d-drittijiet fundamentali tal-individwu, il-Qorti ssib li l-artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jilħaqx dan il-bilanċ u bl-ebda mod ma jista' jingħad li hemm proprozjonalità bejn il-miżura li jipprovdi għaliha dan l-artikolu 4, u d-dritt tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà. Fil-provvediment tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti diġà kellha l-opportunità li tesprimi ruħha fuq almenu rimedju wieħed, tal-ħatra ta' amministratur provviżorju li għandu jservi bħala kontrobilanċ sabiex is-soċjetajiet rikorrenti jevitaw 'id-daqqa tal-mewt' tagħhom. Iżda ma kellhomx ikunu l-qrati kostituzzjonali li jagħtu rimedju u l-Qorti tissenjala li r-rikorrenti għandhom ikollhom id-dritt skont il-liġi li jirrikorru lejn il-Qorti Kriminali li ħarġet l-ordni, fejn filwaqt li jitolbu għat-tħassir tagħha jew sabiex jinbiddlu xi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti fuqhom permezz ta' dik l-ordni, huma jkollhom l-opportunità li jagħmlu ssottomissjonijiet tagħhom ukoll. Ikun fid-diskrezzjoni mbagħad tal-Qorti Kriminali li tiddeċiedi dwar it-talbiet tagħhom.*

Din il-Qorti hija pjenament konkordi ma din il-linja ta' ħsieb.

**Rimedju**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu illi fid-dawl ta' sejbien ta' leżjoni tad-drittijiet tagħhom il-Qorti tgħaddi sabiex: i) tordna li l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru tiġi rtirata immedjatament; ii) tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji sabiex jagħmlu tajjeb għall-vjolazzjoni minnhom imġarrba.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sejbien ta' ksur tad-dritt tar-rikorrenti kif imħares taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni m'għandux neċessarjament jissarraf fit-tħassir ta' dik l-ordni. Kif diġa kellha l-opportunita' li tosserva, din il-Qorti tqis illi r-revoka o meno ta' ordni ta' din ix-xorta tispetta esklussivament lill-Qrati Kriminali li quddiemha jitressqu l-provi għar-rigward ir-reat, l-ammont allegatament derivanti mir-reat u provi oħra relattivi. Hija biss dik il-Qorti li jkollha l-provi rilevanti quddiemha li tista' mbagħad tiddeċiedi dwar jekk ikunx għaqli li l-ordni tiġi revokata.

In kwantu d-danni pretiżi mir-rikorrenti dawn qegħdin jippretendu kumpens li jaqbeż il-miljun Ewro. Tajjeb jingħad li f'dan ir-rigward ir-rikorrenti Vincenzo Cocozza u martu Simona de Giovanni jsemmu ċifri ta' kalkoli li għamlu huma stess. Madanakollu ma ressqu ebda prova konkreta dwar kif waslu għal tali kalkoli li jgħidu huma bbażati fuq normi Ewropej.

Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jressqu provi konkreti dwar danni realment subiti. Minbarra dan in-nuqqas, ir-rikorrenti lanqas ma trattaw il-kwistjoni tad-danni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. Lanqas ma tista' din il-Qorti tiskarta l-insenjament ta' dawn il-Qrati fis-sens li f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti ma tipprovdix risarċiment ta' danni bħal f'kawżi ċivili.

Kwantu għad-danni non-pekunjarji, tenut kont tal-fatt li l-Qorti qed issib leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tenut ukoll kont illi din is-sitwazzjoni ilha tippersisti sa minn Ottubru tas-sena 2021 u cioe ftit aktar minn tlett snin, il-Qorti qegħda tillikwida favur tagħhom is-somma ta' €5,000 li għandha titħallas lilhom mill-intimati solidament bejniethom.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.

Tilqa' l-ewwel talba limitatament u tiddikjara illi r-rikorrenti ġarrbu leżjoni tad-dritt tagħhom għat-tgawdija paċifika tal-proprjeta' tagħhom kif dan il-jedd jinsab imħares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Tiċħad it-tieni talba.

Tilqa' l-bqija tat-talbiet u tillikwida d-danni non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) u tordna li dawn għandhom jitħallsu mill-intimati solidament bejniethom lir-rikorrenti fi kwoti ndaqs bejniethom.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-intimati.

IMĦALLEF